Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-19 ta' April, 2005

Numru 604/1993

Il-Pulizija
(spettur Martin Bayliss)
vs
Ronaldo sive Ronald Pisani

Illum 19 ta' April 2005.

IL-QORTI

Rat l-akkuzi migjuba mill-pulizija kontra l-akkuzat u dan talli:

1) Fit 28 ta' Ottubru 1993 ghal habta ta xi 9.00pm fi Triq Gino Muscat Azzopardi, gewwa tas-Sliema, bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta tieghu billi dahal gewwa bini li ghadu qed jinbena bi skop li jisraq u dan kolllu ghad-dannu tal-propjetarji AJ Salamone

Limited kif ukoll ghad-dannu tas-sub kuntratturi Joseph Fenech mir-Rabat Malta, Raymond Fenech minn san Gwann u John Pullicino minn san Gwann, liema serq huwa aggravat bil-valur (ta’ aktar minn Lm1000 izda anqas minn Lm6000), bil-mezz, hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

2) Fl-istess data, hin u post ghamel vjolazzjoni kontra l-propjeta ta’ haddiehor billi dahal fl-imsemmi bini u kif ukoll dahal fil-lukanda Caprice li wkol tinsab fit-triq Gino Muscat Azzopardi tas-Sliema bi hsara tas-sid jew detentur.

3) Fl-istess data, hin u post xehed hmieg jew porkeriji fil-bibien jew taht il-hitan tad-djar ta’ haddiehor.

4) Fl-istess data, hin u post kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

5) Fit-28 ta’ Ottubru 1993, fil-ghaxija, instab li kellu fuqu, f’idejh jew fil-pussess tieghu, sikkina ta’ kull xorta li tkun b’xafra bil-ponta jew xi strument iehor bil-ponta minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Semghet lill-akkuzat, minn jeddu, jammetti l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Issib lill-istess akkuzat hati talli:

1) Fit 28 ta’ Ottubru 1993 ghal habta ta xi 9.00pm fi Triq Gino Muscat Azzopardi, gewwa tas-Sliema, bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta tieghu billi dahal gewwa bini li ghadu qed jinbena bi skop li jisraq u dan kolllu ghad-dannu tal-propjetarji AJ Salamone Limited kif ukoll ghad-dannu tas-sub kuntratturi Joseph Fenech mir-Rabat Malta, Raymond Fenech minn san Gwann u John Pullicino minn san Gwann, liema serq huwa aggravat bil-valur (ta’ aktar minn Lm1000 izda anqas minn Lm6000), bil-mezz, hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

2) Fl-istess data, hin u post ghamel vjolazzjoni kontra l-propjeta ta’ haddiehor billi dahal fl-imsemmi bini u kif ukoll dahal fil-lukanda Caprice li wkol tinsab fit-triq Gino Muscat Azzopardi tas-Sliema bi hsara tas-sid jew detentur.

3) Fl-istess data, hin u post xehed hmieg jew porkeriji fil-bibien jew taht il-hitan tad-djar ta’ haddiehor.
4) Fl-istess data, hin u post kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.
5) Fit-28 ta’ Ottubru 1993, fil-ghaxija, instab li kellu fuqu, f’idejh jew fil-pussess tieghu, sikkina ta’ kull xorta li tkun b’xafra bil-ponta jew xi strument iehor bil-ponta minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat l-artikoli:
a) 41(1)(a), 261 (c)(b)(f)(g), 263, 267,270, 271, 278(1)(2)(3), 20, 279(b) u 533 tal-Kodici Kriminali.
b) 340(d) tal-Kodici Kriminali
c) 339(1)(m) tal-Kodici Kriminali
d) 338(dd) tal-Kodici Kriminali
e) 13 u 19 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta.

In rigward piena, wara li rat il-fedina penali kwazi netta tal-akkuzat u wara li semghet lil partijiet tiddeciedi billi minflok il-piena stabbilita mill-ligi, tapplika l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u tillibera lill-akkuzat mill-akkuzi kollha bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sitt (6) xhur millum.

In rigward l-arma esebita in atti, il-Qorti tordna l-konfiska taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------